# IL-MIXJA TAR-RANDAN 2023

IT-TIELET GIMGHA

**“Indmu jghid il-Mulej ghax is-saltna ta’ Alla hija fil-qrib.” Mattew 4:7**

Ghodwa wahda kiesha f’Novembru, Leigh Ann Tuohy u zewgha, Sean, kienu qed isuqu, meta lemhu zaghzugh miexi mal-gemb tat-triq b’shorts u T shirt. Kif ghaddew minn hdejh Leigh Ann lissnet biss zewg kelmiet lil Sean li kienu l-kawza li hajjithom imbidlet ghal dejjem. Qaltlu: “ Dur lura.” U hekk ghamel. Il-koppja stiednitu li jidhol fil-vettura shuna taghhom u mbaghad fid-dar taghhom u fil-familja taghhom. Iz-zaghzugh kien Michael Oher, li bl-imhabba u d-daqqa t’id li taghtu il-familja Tuohy, irnexxilu jsir ic-campjin tas-Superbow mal-Baltimore Ravens.

Dur lura….
Zewg kelmiet semplici li biddlu il-kors tal-hajja ta’ diversi nies f’mument wiehed.

Dur lura…..
Zewg kelmiet semplici li jsejhulna biex indawru r-rotta u naraw dak li qabel stajna ma rajniex

Dur lura….
Sejha ghall-bidla u konverzjoni.




Is-sejha tar-Randan ghal l-indiema hija sejha biex induru lura. Meta nindmu, nixbhu lil wiehed li gera’ lejn id-dar ghax nesa’ ic-cwievet tal-karozza jew dar lura bil-karozza fit-toroq ghax thawwad fis-sinjali tad-direzzjoni; ahna inkunu qed infittxu xi haga li nsejna u  norjentaw ruhna mill-gdid biex insibu d-direzzjoni gusta.

L-indiema tindika bidla fil-hsieb, u qalb. L-indiema tirrekjedi li nistqarru umilment li tlifna t-triq u jehtieg li naghmlu bidla biex insibuha. Ilkoll ghandna xi haga biex minnha nindmu: forsi offendejna xi persuna b’xi kelma li ghidna, forsi ttraskurajna li naghmlu xi dover taghna, forsi ttraskurajna il-familja, inqasna li nzuru lil genituri anzjani taghna etc….. U s-sejha tkun biex semplicement induru lura.

Issemma ghal dik il-vuci li tghidlek fil-kuxjenza biex minghajr misthija ddur lura.

Indem u dur lura ghax is-saltna ta’ Alla hija fil-qrib. L-indiema taghna u r-rikonnessjoni ma’ Alla u mal-proxxmu ggib din is-saltna fost il-bnedmin.

Walter Rauschenbusch jfakkarna: “Is-saltna ta’ Alla mhux missjoni li tressaq individwi lejn il-genna, izda li tibdel il-hajja hawn fuq l-art f’armonija tal-genna.”

X’TAHSEB GHANDU JDUR LURA FIL-HAJJA TIEGHEK?

WARA X’HIEX QED TIGRI?